# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar it-Tnejn 4 ta' Dicembru, 2017

**Rikors Numru: 1255/2008 JPG**

**Kawza Numru: 25**

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553)**

**vs**

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) gia Atlas Insurance Limited gia Atlas Insurance Agency Limited fil-vesti taghha ta' agent u in rapprezentanza tas-socjeta' assiguratrici estera AXA Insurance p.l.c.**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors guramentat ta' Middlesea Insurance p.l.c. datat 17 ta' Dicembru 2008, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk;

1. *Illi s-socjeta' assiguratrici attrici harget polza ta' assigurazzjoni marine open cover a favur ta' Continental Cars Limited in konnessjoni mal-garr ta' vetturi bil-bahar, Polza Numru 0028412379100, flimkien mal-kumpanija assiguratrici Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. bhala koassiguratrici (co-insurer) fil-proporzjoni ta' disghin fil-mija (90%) u ghaxra fil-mija (10%) rispettivament;*

2. *Illi s-socjeta' assiguratrici attrici kienet riassigurata (reinsured) f'din il-polza mas-socjeta' assiguratrici estera AXA Insurance p.l.c. ghal rigward tmienja u tletin punt tmienja disgha fil-mija (38.89%) tar-riskju minn tali polza, ossija hamsa u tletin (35) mid-disghin (90) fil-mija, b'mod ili r-riskju kien maqsum bejn il-tliet socjetajiet assiguratrici fil-proporzjon ta' ghaxra fil-mija (10%) Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. direttament, hamsa u hamsin fil-mija (55%) Middlesea Insurance p.l.c. direttament u hamsa u tletin fil-mija (35%) AXA Insurance p.l.c. indirettament;*

3. *Illi in konnessjoni ma' tali polza, is-socjeta' Continental Cars Limited ghamlet zewg claims, u cjoe' claim rigwardanti hsarat li garrbet konsenja ta' vetturi tal-marka Volkswagon Polo li waslu Malta bil-bastiment M.V. Vittoriosa fl-4 ta' Awissu 2000 u claim ohra rigwardanti hsarat simili li garrbet konsenja ohra ta' vetturi ta' l-istess marka li waslu Malta bil-bastiment M.V. St. John fit-12 ta' Awissu 2000 li jgibu n-numri 00910239700 u 009102236300 rispettivament, liema zewg claims kellhom meritu konness u dwar liema zewg claims sehhew trattativi bonarji bil-partecipazzjoni tas-socjeta' assigurattrici AXA Insurance p.l.c. kif rappresentata mil-ufficjali ta' l-agent taghha, dak iz-zmien Atlas Insurance Agency Limited, u gew inkorsi spejjez ta' surveying fl-ammont ta' sitt elef sebgha mija u tnax-il Ewro u sitta u sebghin Ewro centezmi (€6712.76) ekwivalenti ghal elfejn, tmien mija, wiehed u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM2,881.79);*

4. *Illi bil-kunsens tar-rapprezentanti tas-socjeta' assiguratrici konvenuta, kunsens moghti f'laqgha li saret fl-14 ta' Dicembru 2000, ntlahqet transazzjoni bonarja mas-socjeta' Continental Cars Limited fl-ammont globali ta' sebgha u disghin elf, tmien mija tlieta u tletin Ewro u tmienja u sittin Ewro centezmi (€97,833.68) ekwivalenti ghal tnejn u erbghin elf lira Maltin (LM42,000) li minnhom, flimkien ma sehemha mill-ispejjez imsemmija, is-sehem dovut mis-socjeta' konvenuta huwa sitta u tletin Elf tmien mija tlieta u hamsin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmi (€36,853.37) ekwivalenti ghal himistax-il elf, tmien mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezimu (LM15,821.15);*

5. *Illi nterpellata diversi drabi ghall-pagament, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Lulju 2003, is-socjeta assiguratrici konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

6. *Illi kienet giet intavolata citazzjoni numru 300/04 CFS, liema citazzjoni giet ceduta, thallsu l-ispejjz u giet riproposta l-kawza fit-terminu ta' tletin gurnata u ghalhekk il-preskrizzjoni titqies interrotta jew sospiza fit-termini ta' l-Art. 2132 tal-Kodici Civili;*

7. *Illi l-partijiet huma dawk kollha originali jew li sussegwentament assumew l-atti;*

8. *Illi ghal kull buon fini jigi dikjarat s-socjeta' konvenuta kien jisimha originarjament Atlas Insurance Agency Limited u li pero' sussegwentament biddlet isimha ghal Atlas Insurance Limited u finalment ghal Atlas Insurance PCC Limited;*

9. *Illi permezz ta' ftehim tat-tip Portofolio Transfer Agreement, AXA Inusurance p.l.c. assenjat lill Atlas Insurance Limited illum Atlas Insurance PCC Limited id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-poloz ta' l-assigurazzjoni komprizi fil-hekk msejjah AXA portofolio, nkluzi dawk meritu ta' dawn il-proceduri, liema ftehim gie approvat mill-Malta Financial Services Authority nhar it-30 ta' April 2004.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li s-socjeta' assigratrici konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta' assiguratrici attrici ghar-rigward tar-riskju minnha riassigurat in konnessjoni mal-claims numri 00910239700 u 009102236300, kif tranzatti flimkien ma' l-ispejjez relattivi;*

2. *Tillikwida s-somma dovuta mis-socjeta' assigurattrici konvenuta in konnessjoni ma' l-ewwel talba fis-somma ta' sitta u tletin Elf tmien mija tlieta u hamsin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmi ekwivalenti ghal hmistax-il elf, tmien mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu jew somma verjuri; u*

3. *Tikkundanna lis-socjeta' assiguratrici konvenuta thallas lis-socjeta' assiguratrici attrici dik is-somma komplessiva li tirrizulta dovuta ai termini tat-talbiet precedenti.*

*Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 2003, bl-imghax legali kummercjali mid-data tal-hlas tas-somom rizultanti mit-transazjoni milhuqa ma' Continental Cars Limited, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' ntimata, datata 9 ta' Jannar 2009, a fol 194 et seqq., li taqra hekk;

1. *Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta rikorrenti attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li l-azzjoni attrici giet mahlufa minn persuna li skond l-Istatut tas-socjeta rikorrenti ma kellhiex u ma ghandhiex ir-rappresentanza guridika taghha billi din tvesti biss fil-persuna ta' Mario C. Grech;*

2. *Illi assolutament bla pregudizzju ghall-premess u in subsidio, f'kaz li l-ewwel eccezzjoni tigi respinta, jinghad wkoll illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi is-socjeta rikorrenti attrici setghet tagixxi biss kontra is-socjeta' esponenti qua surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha, mentri hija istitwiet biss il-kawza f'isimha proprio u mhux bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha;*

3. *Illi dejjem bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u f'kaz li dawn jigu kollha respinti jigi eccepiet ukoll illi is-socjeta' attrici ma kienetx tenuta tikkompensa lill-assigurat taggha tad-danni minnha allegatament subiti billi dawk l-istess danni ma kienux jaqghu taht wahda mill-perils assigurati billi l-istess danni gew subiti qabel ma dahal in vigour il-kuntratt ta' assigurazzjoni u ghalhekk mhux koperti bil-polza relattiva;*

4. *Illi it-talbiet attrici huma ukoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante ill is-socjeta rikorrenti attrici ma kienetx korretta meta, minn rajjha, qabdet u ikkompensat lill-assigurata taghha tad-danni minnha allegatament pretisi. Fir-realta' kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur, qatt ma kien hemm ftehim li is-socjeta esponnenti ghandha thallas jew tikkontribwixxi ghall-hlas maghmul mis-socjeta' rikorrenti lill-assigurat taghha. Jekk intlahaq xi tip ta' ftehim bonarju, skond kif allegat fil-paragrafu 4 tar-rikors promotur, bejn is-socjeta rikorrenti attrici u l-assigurat taghha, dan ma sarx bil-kunsens tas-socjeta esponenti u din tal-ahhar lanqas ma kienet kompartecipi fih, u dan skond kif irrizulta gia ampjament fil-kawza li ghalija saret riferenza u cioe dik bin-numru 300/04/LFS li giet ceduta mis-socjeta' rikorrenti – l-atti ta' dik il-kawza ghalhekk ghandhom jigu allegati;*

5. *Illi mis-survey li sar irrizulta li il-hsara riportata fil-vetturi tas-socjeta' assigurata, li taghhom is-socjeta attrici ikkompensataha, ma gietx kagonata fil-perijodu li il-kuntratt ta' assigurazzjoni kien in vigore, izda grat qabel ma l-istess kuntratt gie fis-sehh u operanti in konnessjoni ma' din il-konsenja u ghalhekk is-socjeta' assigurata ma kellha ebda dritt ta' risarciment minghand is-socjeta' tal-*

*assigurazzjoni taghha. Jekk is-socjeta rikorrenti attrici deherilha, ghal ragunijiet taghha, forsi ekonomici, li taghzel li taccetta li tikkompensa lis-socjeta assigurata taghha, dan ghamlitu ghax hekk riedet u cioe fuq bazi "ex gratia" u kwindi ma jintitolahiex li tigi risarcita mis-socjeta' esponenti konvenuta. F'dan ir-rigward is-socjeta' esponenti qed tesibixxi kopja tar-rapport tas-survey li sar minn MSB Valletta Limited u li igib id-data tal-7 ta' Novembru 2000 u li kopja tieghu qed ukoll tigi moghtija lis-socjeta' attrici, avolja dan gia' jinsab fil-pussess tas-socjeta' rikorrenti attrici.*

Rat illi fit-3 ta' Frar 2009 gie nnominat il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea, a fol 209 tal-process;

Rat illi wara d-digriet taghha tat-3 ta' Frar 2009, il-process tal-kawza bin-numru 300/04 FS gie allegat mal-process tal-kawza odjerna.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, a fol 370 et seqq. minnu mahlufa u r-risposta ghad-domandi in eskussjoni tal-istess Perit Legali a fol 365 et seqq. tal-process.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Maurice Mizzi**, direttur manigerjali ta' Continental Cars Limited, xehed li fis-sena 2000 kellhom kunsinja shiha ta' vetturi li waslu Malta b'tikek li ma marrux bil-*polish*. Mizzi xehed li kien hemm dubju dwar fejn sehhet il-hsara u cioe' jekk f'Malta jew il-Germanja, u kienu gew Malta xi rapprezentanti tal-VolksWagen u kien intbaghat anke bonnet ta' vettura barra minn Malta sabiex isiru l-verifiki mehtiega, u rrizulta li l-hsara saret hawn Malta. Mizzi xehed li dan il-kaz ma kienx gie diskuss fil-Board in kwantu, kif saru l-verifiki da parte tal-assikurazzjoni, sar il-hlas u ma kienx hemm problemi, liema hlas kien wiehed sostanzjali. Mizzi spjega li kien il-*manager* ta' Continental

Cars Limited, Wilfred Borg, li kien qed jiehu hsieb dan il-kaz mal-assikurazzjoni u li Mizzi ma kienx dahal fid-dettalji dwar dan il-kaz u kien halla kollox f'idejn Borg, ghalkemm kien jaf li kienu juzaw lil Middlesea Insurance u lil Atlas Insurance.

**Patrick Muscat**, prodott mis-socjeta' rikorrenti, spjega li l-Marine Cargo Open Policy bin-numru 0028412379100 kienet tkopri l-konsenji kollha tal-karozzi impurtati f'Malta minn Continental Cars Limited, liema kopertura kienet moghtija mis-socjeta' rikorrenti bhala 'Leading Insurer' b'90% tar-riskju fuq bazi ta' 'Co-Insurance' filwaqt li SMS Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tal-principal Ecclessiastical Insurance, kellha r-rimanenti 10% tar-riskju fuq bazi ta' Co-Insurance. Fuq l-istess polza, is-socjeta' rikorrenti kienet ftehmet riassikurazzjoni (*reinsurance*) ma' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tal-principal taghhom AXA Assurances. Dan il-ftehim kien ghal 38.89% tad-90% *co-insurance share* tas-socjeta' rikorrenti, li hu ekwivalenti ghal 35% tar-riskju kollu, liema *reinsurance* kienet tkopri biss il-porzjon tar-riskju li kellha s-socjeta' rikorrenti u ma kienetx tkopri r-riskju tal-SMS Insurance Agency.

Muscat spjega li z-zewg claims in kwistjoni bin-numri 00910239700 u 009102236300 jirrelataw dwar zewg konsenji separati b'total ta' 117-il vettura gdida, mportata f'Malta mill-Continental Cars Limited, fejn 42 mill-51 vettura li waslu f'Malta fl-4 t'Awissu 2000 (claim 00910236300) u 53 mis-66 vettura li waslu f'Malta fit-12 t'Awissu 2000 (claim 00910239700) kellhom diversi tbajja fl-ispray painting tas-saqaf taghhom. Kif giet infurmata b'dawn il-claims, is-socjeta' rikorrenti inkarigat lil MSB Valletta Limited sabiex jaghmlu *survey* u jirrapurtaw fuq il-hsarat relattivi, liema rapporti kienu kollha kkupjati u moghtija lil Atlas Insurance Agency Limited. Il-klijent u cioe' Continental Cars Limited ma kienx accetta il-posizzjoni originali tas-socjeta' rikorrenti u cioe' li l-hsarat fil-vetturi ma sehhewx waqt it-tragitti rispettivi u dan in kwantu z-zewg konsenji kienu manufatti, fi fabbriki differenti u anke minhabba l-fatt li t-tbajja relattivi kienu kollha fuq is-sofqa u l-bonnets tal-vetturi.

Muscat xehed li ghalhekk saret laqgha fl-ufficini tas-socjeta' rikorrenti nhar l-14 ta' Dicembru 2000, ghal liema laqgha kienu prezenti l-istess Muscat u Beppe Rizzo ghas-socjeta' rikorrenti, Jonathan Abela f'isem SMS Insurance Agency Limited, Matthew von Brockdorff f'isem Atlas Insurance Agency Limited u Salv Mifsud Bonnici f'isem

Globe Insurance Brokers Limited, li kienu qed jagixxu bhala brokers ghal Continental Cars Limited. Muscat xehed li waqt din il-laqgha intlahaq ftehim bejn il-partijiet kollha prezenti fis-sens **li s-socjeta' rikorrenti bhala 'Leaders' kellhom jaccettaw iz-zewg claims a bazi ta'** ***ex-gratia settlement.*** Skont Muscat, kien jonqos biss li jigi diskuss u miftiehem l-ammont dovut mal-brokers u mal-klijenti Continental Cars Limited, fil-fatt Muscat spjega li wara l-laqgha saru negozjati ma' Globe Insurance Brokers Limited f'isem il-klijenti fejn tressqet offerta ta' Lm38,500 ghaz-zewg claims, b'liema offerta s-socjeta' rikorrenti kienet infurmat lil Atlas Insurance Agency Limited permezz ta' fax datata l-10 ta' Jannar 2001 (a fol. 222). Muscat xehed li Atlas Insurance Agency Limited ma wrietx nuqqas ta' qbil.

Din l-ewwel offerta giet rifjutata u Muscat spjega li z-zewg claims gew konkluzi ghall-ammont ta' Lm42,000, minn liema somma s-socjeta' rikorrenti hallset Lm37,800 rapprezentanti 90% tal-ammont miftiehem, filwaqt li l-co-insurers SMS Insurance Agency Limited hallset il-bilanc ta' Lm4,200 rapprezentanti l-porzjon ta' 10% tal-ammont kollu, direttament lill-klijenti kif Muscat xehed li gie miftiehem fil-laqgha li nzammet fl-14 ta' Dicembru 2000. Muscat spjega li fil-5 ta' Frar 2001 is-socjeta' rikorrenti talbet lil Atlas Insurance Agency Limited thallasha l-ammont ta' Lm14,700 rapprezentanti 38.89% tal-Lm37,800 li hallset is-socjeta' rikorrenti, u cioe' 35% tal-ammont shih ta' Lm42,000 imhallas lil Continental Cars Limited, pero' din irrifjutat li thallas in kwantu, *"the loss does not fall within the cover provided by the Marine Insurance Policy"* (Dok. MSI 16, a fol. 44).

Fir-rigward tal-laqgha li nzammet nhar l-14 ta' Dicembru 2000, in kontro ezami Muscat xehed li hu biss zamm minuti ta' din il-laqgha u dan ghal file personali tieghu. Fil-fatt ma kienx ghadda dawn il-minuti lil nies ohra li attendew l-istess laqgha. Musact xehed ukoll li tul il-korrispondenza bejn il-partijiet qabel ma nfethu l-proceduri relattivi hu qatt ma rrefera ghal tali minuti.

Muscat xehed li qabel dawn il-*claims* kien hemm tlett *claims* simili minn zewg kumpaniji ohra, u cioe' Muscats Motors u Industrial Motors, li bhal Continental Cars Limited jiffurmaw parti mill-istess grupp u cioe' Mizzi Organisation, liema hsarat kienu identici u d-diffikultajiet tal-*claims* kienu l-istess u l-*claims* thallsu f'Awissu 1991 mill-kumpanija Formosa & Camilleri li eventwalment bidlu isimhom ghal Atlas

Insurance Agency Limited, illum is-socjeta' intimata. F'dawn it-tlett kazijiet hemm rapport ta' Robert Lyon & Co. datat 22 ta' Gunju 1992 (Dok. PM1) li jghid, *"unfortunately the analysis does not reach any clear cut conclusions regarding the cause of the paint discolouration."* F'dawk il-*claims* Formosa & Camilleri kienu l-assikuraturi filwaqt li s-socjeta' rikorrenti kienet re-insurer ghal 30% a bazi ta' *Legal Cession*, liema *claims* kienu gew accettati u mhallsa minn Formosa & Camilleri filwaqt li s-socjeta' rikorrenti hallset il-parti taghha ta' 30% (fol. 224 sa 233). Muscat spjega li f'dawn it-tlett kazijiet is-socjeta' rikorrenti mxiet bhala *"**follow the fortunes**"* u cioe' segwiet u halset kif ghamlu Formosa & Camilleri, liema hlasijiet saru minghajr ebda problemi u dan ghalkemm, fl-opinjoni ta' Muscat, dawn it-tlett *claims* kienu identici ghal dawk meritu tal-kawza odjerna. Muscat xehed li din il-prassi qatt ma nbiddlet u dejjem intuza dan il-principju.

Muscat xehed ukoll li r-raguni ghalfejn is-socjeta' intimata m'onoratx il-ftehim milhuq fl-14 ta' Dicembru 2000 hi li l-klijenti Continental Cars Limited ma geddewx l-account taghhom mas-socjeta' intimata u dan kif jirrizulta mill-ittra mibghuta mis-socjeta' intimata nhar il-25 ta' Settembru 2002 fejn intqal: *"There is no obligation for AXA to pay an ex-gratia payment to a client who moved business at renewal on the 1st January 2001"* (a fol. 234).

**Joseph Rizzo**, General Manager tas-socjeta' rikorrenti, xehed li fir-rigward tal-*claims* in kwistjoni rrizultaw rapport teknici daqsxejn kunfliggenti, liema rapporti gew diskussi mal-partijiet kollha involuti. Rizzo spjega li minhabba l-fatt li s-socjeta' rikorrenti ma kienetx f'posizzjoni certa jekk id-danni rizultanti mill-istess *claims* kienux koperti taht il-polza relattiva u ghalhekk, ghal beneficcju tal-klijent, gie miftiehem li s-socjeta' rikorrenti thallas fuq bazi *ex gratia*. F'dan ir-rigward Rizzo spjega li kien izomm lir-rapprezentant tas-socjeta' intimata nfurmat, liema socjeta' qatt ma wriet li ma kienetx ser thallas.

**Salv Mifsud Bonnici**, prodott mis-socjeta rikorrenti, xehed li hu kien impjegat mas-socjeta' intimata fiz-zmien meta kienet maghrufa bhala Formosa and Camilleri u kien jiehu hsieb l-account ta' Mizzi Organisation mis-snin sebghin sas-snin disghin, filwaqt li mis-sena 2000 sa llum jiehu hsieb lil Mizzi Organisation bhala *broker* ma' First United Insurance Brokers Limited, gia Globe Insurance Brokers Limited. Fir-rigward

tal-*claims* meritu tal-kawza, Mifsud Bonnici xehed li min-notamenti tieghu jirrizulta s-segwenti: *"meeting of the 14th December 2000 between Beppe Rizzo, Patrick Muscat, Matthew Von Brockdorf and Jonathan Abela, where all present, including Matthew Von Brockdorf, had agreed and confirmed that claim will be settled by insurers and re-insurers in full.*"

Mifsud Bonnici xehed ukoll li l-fatt illi s-socjeta' intimata ghazlet li ma thallasx il-parti taghha tal-*claims* in kwistjoni giet ghalih b'sorpriza kbira, fl-ewwel lok in vista ta' dak li kien qallu Walter Camilleri, in rapprezentanza tal-istess socjeta' intimata, u cioe' li ma kienx hemm problemi dwar il-hlas u li dan kien se jsir fl-intier tieghu, u fit-tieni lok in kwantu bhala *broker* jaf li kienet xi haga ta' duttrina li s-socjeta' rikorrenti kellha thallas lill-klijent irrispettivament minn jekk tirkuprax minghand is-socjeta' intimata, li minn-naha taghha kellha l-obbligu li thallas a bazi tal-prassi ta' ***'follow the fortunes'***, li tinkludi anki dawk il-kazijiet li ma jkunux cari, sa kemm is-socjeta' rikorrenti tkun qed thallas in *buona fede*.

Mifsud Bonnici spjega li qabel is-sena 2000 Mizzi Organisation kienu jassikuraw kollox mas-socjeta' rikorrenti, filwaqt li wara l-ewwel ta' Jannar 2000 il-program ta' assikurazzjoni gie mqieghed in kwantu ghal 90% mas-socjeta' rikorrenti, 35% mas-socjeta' intimata bhala *re-insurer* u 10% ma' Ecclesiastical Insurance li kienu rapprezentati mill-SMS Insurance Agency Limited. Pero' fl-1 ta' Jannar 2001, wara li sehhew il-*claims* in kwistjoni, l-program ta' assikurazzjoni ta' Mizzi Organisation rega' gie mqieghed kollu mas-socjeta' rikorrenti u din hi l-assigurattrici ta' Mizzi Organisation sa llum.

**Jonathan Abela** xehed li sa Gunju tas-sena 2002 kien jokkupa l-kariga ta' *Assistant Manager* ma' SMS Insurance Agency Limited, li kienet *co-insurer* mas-socjeta' rikorrenti in kwantu ghal 10% fuq il-polza in kwistjoni. Abela kkonferma li kienet saret laqgha nhar l-14 ta' Dicembru 2000 fejn l-intenzjoni kienet li jsir xi haga ghal beneficcju tal-klijent Continental Cars, specjalment in vista tal-fatt li r-rapporti dwar il-hsara ma kienux jikkombacu u li s-*supplier* tal-klijent, u cioe' Volkswagen Group, ma kienetx ta' wisq ghajnuna ghall-klijent. Abela spjega li s-Sur Von Brockdorf, in rapprezentanza tas-socjeta' intimata, kien attenda tard ghall-laqgha in kwistjoni u ghalhekk ma kienx prezenti ghal dak li kien gie miftiehem. Abela xehed li Salv

Mifsud Bonnici, bhala l-broker, kellu jikkwantifika l-*claim* mal-klijent sabiex eventwalment jipprova jintlahaq ftehim u ghalhekk ma kien sar l-ebda ftehim ahhari f'tali laqgha. Abela xehed ukoll li in kwantu dan kien pagament *ex-gratia*, bhala co-insurers ma kienux marbutin li jsegwu d-decizjoni tas-socjeta' rikorrenti.

**Walter Camilleri** xehed li fis-sena 2000 kien Chairman u direttur tas-socjeta' intimata, li dak iz-zmien kienet agent ta' AXA Insurance Limited ta' Londra. Fis-sena 2000, qabel il-*claims* meritu tal-kawza, AXA Insurance Limited akkwistat il-Guardian Royal Exchange u nbidlu whud mid-diretturi tal-Guardian Royal Exchange u l-impjegati taghha. Camilleri spjega li fir-rigward ta' *claims* li jaqghu taht l-ammont ta' erbghin elf Lira Sterlina (£40,000) huma ma kellhomx restrizzjonijiet sabiex ihallsu u ghalhekk f'dan il-kaz ma kienx hemm bzonn awtorizazzjoni mill-principal, hekk ukoll ghar-rigward ta' *claims* normali, pero' f'kaz ta' *claims* 'l fuq minn certu ammont jew *claims* specjali, huma kellhom l-obbligu li jirrappurtaw u jottjenu l-awtorizazzjoni minghandhom, partikolarment in kwantu kienu ser jitterminaw l-agenzija tal-Guardian. Fil-fatt, meta s-socjeta' intimata accettat ir-riskju tal-*claims* in kwistjoni, l-principal taghha kienet gia AXA Insurance p.l.c..

Camilleri xehed li l-*claims* in kwistjoni gew irrappurtati lill-principal tas-socjeta' intimata b'mod immedjat u li l-*claims* in kwistjoni kienu jaqghu fin-*normal reporting standards* u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jaghmlu rapport partikolari ghal tali *claims*. Hu ma kienx prezenti ghall-ebda laqgha pero' kien involut direttament fil-*handling* tal-*claims* peress li kien kaz partikolari li kien jinvolvi **dubji dwar il-kawza tal-hsara**, **dubji dwar jekk ghandux isir pagament *ex gratia* u dubji wkoll fir-rigward tal-vantagg kummercjali ghall-partijiet kollha involuti.**

Camilleri spjega li l-kundizzjonijiet tar-*reinsurance* kienu dawk *standard* u kienu identici ghal dawk tal-*insurance* li kienet harget is-socjeta' rikorrenti. Spjega wkoll li japplikaw is-segwenti principji:

(i) il-kuncett ta' ***follow the fortunes*** u cioe' li r-*reinsurance company* taghmel preciz dak li jaghmel l-assikuratur principali dejjem jekk il-*claim* jaqa' taht il-kundizzjonijiet tal-polza;

(ii) il-kuncett ta' *ex gratia* u cioe' li taccetta li thallas fl-interess kummercjali taghha, li pero' ma japplikax necessarjament ghar-*reinsurers* li jridu jaghtu l-kunsens

taghhom bil-miktub biex jikkontribwixxu ghal tali pagament. Camilleri xehed li f'dan il-kaz ma kienx fl-interess tal-principali, u cioe' s-socjeta' rikorrenti, li thallas *ex gratia* ghaliex kien hemm dubju dwar il-kawza tad-danni;

(iii) *utmost good faith*.

Camilleri qal li s-socjeta' intimata talbet sabiex tinghata r-rapport finali tal-*loss adjuster* u li kienet se tkun f'posizzjoni li tiddeciedi jekk thallasx il-parti taghha jew le biss meta tkun taf bic-cert l-kawza tal-hsara. Camilleri xehed ukoll li s-socjeta' intimata giet infurmata minn Jonathan Abela ta' SMS Insurance Agency Limited li ma kienx hemm rapport finali, pero' fil-fatt ir-rapport finali kien jezisti. Dan ir-rapport kien jghid li l-*claims* jridu jigu rrifjutati. S-socjeta' intimata nghatat kopja tieghu minghand is-socjeta' rikorrenti biss f'Mejju 2001 u cioe' meta sar il-pagament. Camilleri qal li ghalhekk dan ma jikkostitwix *uberrima fides* u jivvizzja kull kuntratt ta' assikurazzjoni.

**Matthew Von Brockdorf** xehed li fis-sena 2000 kien Direttur ta' Atlas Insurance Agency Limited u fost affarijiet ohra kien responsabbli ghall-*claims*. Von Brockdorf spjega li ma kienx hemm problemi fir-rigward tan-notifika tal-*claims* in kwistjoni mal-principal AXA Insurance plc u li t-trattat bejnhom u s-socjeta' rikorrenti kien ta' *facultative reinsurance*. Von Brockdorf spjega li *facultative reinsurance* hu kuntratt differenti minn *treaty reinsurance* u dan peress li *facultative reinsurance* hu kuntratt maghmul ghal skopijiet partikolari ta' klijent partikolari u li fil-kaz in ezami sar ftehim bejn l-*insurer* (is-socjeta' rikorrenti) u r-*reinsurer* (socjeta' intimata) fir-rigward tar-riskji li kienu taht il-poloz li harget is-socjeta' rikorrenti ghan-nom tal-klijent taghhom Mizzi Group fejn is-socjeta' intimata ssegwi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess poloz li tkun harget is-socjeta' rikorrenti. Von Brockdorf esebixxa fax mibghuta mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti nhar it-30 ta' Dicembru 1999 (Dok. MVB1) li tikkonferma li *re-insurance* nharget mis-socjeta' intimata fuq il-poloz li kienu nhargu mis-socjeta' rikorrenti favur il-klijent, ibbazati fuq il-*cover notes* tal-*broker*. B'referenza ghall-frazi *"by terms and conditions to be agreed"* fuq l-istess Dok. MVB1, Von Brockdorf spjega li dawn kienu jirrelataw ghall-polza tas-socjeta' rikorrenti li nharget favur il-klijent u mhux ghall-kuntratt ta' riassikurazzjoni. Von Brockdorf xehed li ma kienx hemm kuntratt ta' riassikurazzjoni bil-miktub pero' kien hemm il-principji tal-assikurazzjoni u l-konferma tas-socjeta' intimata lis-socjeta'

rikorrenti li s-socjeta' intimata kienet qed taghti *reinsurance cover* fuq it-termini u l-kundizzjonijiet tal-*insurance cover* kif spjegat f'Dok. MVB1.

Von Brockdorf xehed ukoll li l-limitu tas-socjeta' intimata li tassikura minghajr ma titlob l-awtorizzazjoni tal-principal taghha kien ta Lm350,000 u li l-limitu ta' *claims handling* kien ta' erbghin elf sterlina (£40,000) u li z-zewg *claims* in ezami kienu jaqghu taht dawn iz-zewg limiti. F'dan ir-rigward Von Brockdorf esebixxa *email* (Dok. MVB2) li tikkonferma li dak kollu li sar da parte tas-socjeta' intimata kemm fir-rigward tar-*re-insurance* u kif ukoll fir-rigward tal-*handling* tal-*claim* kien bi qbil mal-principal taghha. **Xehed ukoll li saru rakkomandazzjonijiet mill-principal tas-socjeta' intimata sabiex ma jhallsux il-*claims* in kwistjoni.**

B'referenza ghall-*fax* immarkata bhala Dok. A1 a fol. 222 tal-process, Von Brockdorf ikkonferma li hu konxju tal-istess dokument u li kien hemm twegiba ghal tali dokument nhar il-11 ta' Jannar 2001 fejn Patrick Muscat intalab sabiex jipprovdi kopja tal-*loss adjusters final report*. Von Brockdorf xehed ukoll li sa fejn jaf hu, hadd ma kien prezenti ghan-nom tas-socjeta' intimata ghall-laqgha tad-9 ta' Jannar 2001 li tissemma' fil-*fax* a fol. 222 tal-10 ta' Jannar 2001. Von Brockdorf ikkonferma li kien attenda laqgha wahda biss rigwardanti l-*claims* in kwistjoni u dan kien mal-*insurers* kollha nhar l-14 ta' Dicembru 2000. Qal li ma zammx minuti ta' din il-laqgha. Fir-rigward ta' din il-laqgha, Von Brockdorf xehed li mhux minnu dak li ntqal minn Patrick Muscat li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet kollha li l-*claims* jigu accettati fuq bazi *ex gratia*. Von Brockdorf spjega li f'din il-laqgha hu esprima r-riservi u l-biza' tieghu dwar ir-rapporti kunfliggenti li nghataw minn Joseph Rizzo u minn Salv Mifsud Bonnici dwar il-kaz u li l-konkluzjonijiet tar-rapport finali tal-*loss adjusters* tas-7 ta' Novembr 2000 ma ssemmewx f'dik il-laqgha. Ikkonferma li saru diskussjonijiet fis-sens li jezistu ragunijiet kummercjali sabiex l-assiguraturi jikkunsidraw li jsir pagament *ex gratia* pero' Von Brockdorf xehed li hu ma setax jikkommetti lis-socjeta' intimata ghaliex ried jirreferi mal-principal tieghu u li f'dak l-istadju, l-fatti tal-kaz ma kienux cari bizzejjed sabiex tittiehed decizjoni.

Von Brockdorf spjega li l-kuncett ta' ***follow the fortunes*** japplika biss meta l-*claims* huma koperti mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-assikurazzjoni u ghalhekk dan il-kuncett ma japplikax fil-kaz ta' pagamenti *ex gratia*. F'kaz ta' pagamenti *ex gratia,* l-

procedura normali hi li r-riassikurat, u cioe' f'dan il-kaz is-socjeta' rikorrenti, kellha bzonn ftehim bil-miktub minghand is-socjeta' intimata bhala *reinsurer* qabel ma tikkonkludi *claim* a bazi ta' pagament *ex gratia,* izda ma kien hemm l-ebda ftehim waqt jew qabel il-laqgha tal-14 ta' Dicembru 2000 u ma hemm l-ebda korrispondenza li tindika dan it-tip ta' ftehim.

Fir-rigward tat-tlett *claims* precedenti msemmija minn Patrick Muscat fejn inghad li s-socjeta' rikorrenti applikat il-principju ta' ***follow the fortunes*** u halset lil Formosa & Camilleri, illum is-socjeta' intimata, Von Brockdorf spjega li f'tali *claims* ma kienx hemm prezenti l-element ta' pagament *ex gratia* u kwindi tali paragun mal-*claims* meritu tal-kawza odjerna ma jreggix. In oltre, f'tali *claims* kien hemm *re-insurance cession* obbligatorju u mhux *facultative re-insurance* (bhal fil-kaz in ezami) u per cio' ma kien hemm l-ebda hlas *ex gratia* izda kien hemm l-obbligu kuntrattwali ta' Formosa & Camilleri li thallas ai termini tal-polza relattiva.

Von Brockdorf ghamel referenza wkoll ghal zewg *claims* ohra fejn is-socjeta' intimata kienet il-*follower* u mhux il-*leader*. F'dawn il-kazijiet kienet is-socjeta' intimata stess li ddecidiet li thallas is-sehem taghha ghalkemm is-*settlement* kien a bazi ta' *ex gratia*. Dawn huma l-*claims* fejn il-klijent huwa l-MIDI u l-*claim number* huwa 201100104, *date of loss* 24 ta' Mejju 2011 u t-tieni kaz kien l-istess klijent u cioe' MIDI, *policy number* 0048282377201, *date of loss* 24th January 2008. F'kaz ta' *claim* iehor bin-numru 201101911, *date of loss* 21st December 2011, fejn il-klijent kien St. James Hospital, is-socjeta' intimata kienet il-*leader* u s-socjeta' rikorrenti l-*follower*, fejn is-shares kienu 50% kull wiehed bejn il-partijiet, u f'liema kaz parti mill-pagament minn naha tas-socjeta' intimata kien sar *ex gratia*, is-socjeta' rikorrenti ghazlet li ma thallasx l-ammont rapprezentanti l-pagament *ex gratia*.

Fir-rigward ta' dak li xehed Matthew Von Brockdorf relattivament ghal *claims* tal-MIDI, **Lucienne Cini**, in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti, spjegat li f'kaz minnhom is-socjeta' rikorrenti kienet il-*leader* u halset il-*claim ex gratia* soggett ghal ftehim bejn il-*co-insurers* in kwantu s-socjeta' intimata kienet *co-insurer* u ddecidiet li thallas il-parti taghha tal-*claim* u b'hekk segwiet id-decizjoni tal-*leader*. A bazi ta' dan, gie deciz li l-*claim* tithallas. F'dan il-kaz is-socjeta' rikorrenti kienet ukoll *co-insurer*, ma kienx kaz ta' *re-insurance*. Fir-rigward tal-*claim* ohra tal-MIDI, l-hlas sar

*without prejudice* u mhux *ex gratia*. Cini spjegat li ex *gratia* tfisser li l-*claim* ma kienitx wahda li taqa' taht il-kopertura tal-polza mentri *without prejudice* tfisser li l-*claim* hija koperta pero' l-hlas isir permezz ta' transazzjoni u minghajr ammissjoni ta' htija.

Rigward il-kaz ta' St. James Hospital, Cini spjegat li s-socjeta' intimata kienu *leaders* u s-socjeta' rikorrenti *co-insurers* fejn il-partijiet kienu l-unici zewg kumpaniji assikuratrici. Il-hsara kienet koperta taht il-polza pero' kien hemm element ta' *under insurance*, li skont is-socjeta' intimata kien zball minn naha tal-assikurat u s-socjeta' rikorrenti avzat lis-socjeta' initmata li jridu juzaw il-*condition of average* meta jaghmlu l-*claim settlement* u cioe' li *claim* tigi mhallsa in proporzjon tas-somma assikurata kif iddikjarata mill-assikurat. Ghalhekk dan ma kienx hlas *ex gratia*.

**David Mifsud** xehed li fis-sena 2000 kien *agency underwriter* mas-socjeta' intimata u fir-rigward tal-Mizzi Organisation kien jevalwa r-riskju u jaghti parir lis-socjeta' intimata dwar jekk taccettax ir-riskju jew le. Mifsud spjega li kien hemm *open cover* fir-rigward tal-*claims* meritu tal-kawza u ma kienx hemm polza ghal kull konsenja.
B'referenza ghal Dok. MVB1 u cioe' l-fax datata 30 ta' Dicembru 1999 esebita waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011 quddiem il-Perit Legali, Mifsud spjega li Kevin Galea Pace kien rapprezentant ta' Globe Insurance Brokers Limited u li l-*cover notes* li jissemmew fl-istess fax kienu l-bazi tal-ftehim. Mifsud xehed li l-ftehim kien semplicement wiehed ta' *reinsurance* a bazi tat-termini u l-kundizzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti. Din kienet *facultative reinsurance*, u cioe' s-socjeta' intimata ma kienetx accettat *reinsurance* ta' kollox izda tar-riskju partikolari tal-Mizzi Group. Mifsud spjega wkoll li l-*exclusions* tat-trattat kienu l-istess li kien hemm fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti.

Mifsud esebixxa kopja tal-*cover note* tad-19 ta' Jannar 2000 (Dok. XX1) li kienet effettiva mill-1 ta' Jannar 2000 ghas-sena u li nharget mill-*broker* lill-assikurat u cioe' lil Continental Cars Limited. F'Dok. MVB1 issir referenza ghal *cover note* bhal Dok. XX1 biex jigi spjegat li r-riassikurazzjoni tas-socjeta' intimata lill-assikuratur, hija bbazata fuq l-istess termini tal-assikurazzjoni lill-assikurat. Muscat xehed li seta' kien hemm *cover notes* ohra wara dan u anke qabel il-*claims* pero' ma nstabux. Muscat spjega li Dok. XX1 mhix il-*cover note* tar-riskju meritu tal-proceduri odjerni pero'

hija simili u tista' fil-fatt tkun. Ghalhekk, jekk m'hemmx *cover notes* ohra, r-riskju huwa kopert skond Dok. XX1, li moqri ma' Dok. MVB1 u cioe' l-fax tat-30 ta' Dicembru 1999, jikkostitwixxu r-*reinsurance agreement* bejn is-socjeta' intimata u s-socjeta' rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet preliminarjament illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress illi l-azzjoni attrici giet mahlufa minn persuna li ma kellhiex u m'ghandiex ir-rappresentanza guridika taghha skont l-Istatut tas-socjeta rikorrenti. Din l-eccezzjoni giet irtirata mis-socjeta ntimata stess, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex is-socjeta rikorrenti setghet tagixxi biss kontra s-socjeta ntimata kemm-il darba giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha, mentri hija istitwiet biss il-kawza f'isimha proprio u mhux permezz ta' surroga.

Il-Qorti rat illi dan il-kaz jitratta sitwazzjoni ta' riassigurazzjoni, fejn is-socjeta rikorrenti kisbet a favur taghha polza ta' assigurazzjoni sabiex tnaqqas telf li tkun tista' ssoffri jekk ikollha taghmel tajjeb ghal xi *claim* mill-assigurat taghha, f'dan il-kaz Continental Cars.

Rigward in-natura tal-kuntratt ta' riassigurazzjoni, u l-importanza tal-istitut tar-riassigurazzjoni, **McIsaac u Babbel** jispjegaw hekk:

> "***Reinsurance is a mechanism used by the insurance industry to spread the risks it assumes from policyholders. Through it, the industry's losses are absorbed and distributed among a group of companies so that no single company is overburdened with the***

> *financial responsibility of offering coverage to its policyholders.* (…) Without reinsurance, most insurers would be able to cover only the safest of ventures, leaving many risky but worthwhile ventures without coverage.
>
> ***A reinsurance contract is essentially an insurance policy issued by one company -the assuming insurer or reinsurer - to another company, usually called the ceding company, primary carrier, or the direct underwriter****. The ceding company is the insurer that underwrites the policy initially, and then later shifts part or all of the liability for coverage to a reinsurer by purchasing reinsurance. This reinsurance provides reimbursement to the ceding insurer for claims payments covered by the reinsurance agreement.* (…) ***Typically, the policyholder has no direct claim on the reinsurer - i.e., the policyholder does not "look through" to the reinsurer as the source of indemnification***."[1]

Illi għalhekk huwa car li l-pretensjoni tas-socjeta rikorenti m'hijiex ibbazata fuq xi surroga mingħand Continental Cars, izda hija bbazata proprju fuq il-ftehim ta' reiassigurazzjoni li hemm bejn il-partijiet f'din il-kawza. Is-socjeta rikorrenti hija s-socjeta assigurata mas-socjeta ntimata. Bejn is-socjeta ntimata bejn l-assigurat tas-socjeta rikorrenti m'hemm l-ebda relazzjoni guridika, għaliex ir-relazzjoni guridika qiegħda biss bejn is-socjeta rikorrenti u Continental Cars, u s-socjeta rikorrenti mas-socjeta ntimata.

Għalhekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, u għaldaqstant qed tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta ntimata.

[1] D. A. McIsaac u D. F. Babbel, 'The World Bank Primer in Reinsurance' Policy Research Working Paper 1512 (The World Bank, Financial Sector Development Department, 1995) 1.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata targumenta illi peress illi s-socjeta rikorrenti fir-rikors guramentat taghha tibbaza l-azzjoni taghha fuq allegat ftehim bejn il-kontendenti biex jigi effettwat il-pagament li sar lil assigurat taghha, u dan kemm fil-premessi kif ukoll fit-talbiet, din il-Qorti hi marbuta li tiddeciedi l-kawza odjerna ai termini tal-premessi u t-talbiet attrici kif imposti u tal-eccezzjonijiet relattivi. Il-Qorti taqbel ma' dan, ghaliex il-binarji tal-azzjoni jigu mposti mill-partijiet stess, u jekk is-socjeta rikorrenti ghazlet li timposta l-kawza taghha a bazi tal-fatt li allegament kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi jsir il-hlas relattiv, allura din il-kawza trid bilfors timxi fuq dan il-binarju.

F'dan ir-rigward, l-abbli Perit Tekniki ikkonkluda illi din l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata ghandha tigi milqugha ghaliex:

> "*…mill-provi mressqa ma giex sodisfacentement ippruvat li ntlahaq ftehim mas-socjeta' intimata jew li l-kunsens taghha gie moghti sabiex isir pagament ex gratia da parte tas-socjeta' rikorrenti favur l-assigurat taghha u konsegwentement ma giex ippruvat li s-socjeta' intimata qablet li thallas lis-socjeta' rikorrenti s-sehem taghha minn tali pagament ex gratia*."

Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta li Matthew von Brockdorff kien attenda l-laqgha tal-14 ta' Dicembru 2000, li inzammet fl-ufficini tas-socjeta' rikorrenti u ghal liema laqgha kienu wkoll prezenti Patrick Muscat u Beppe Rizzo ghas-socjeta' rikorrenti, Jonathan Abela f'isem SMS Insurance Agency Limited u Salv Mifsud Bonnici f'isem Globe Insurance Brokers Limited, li kienu qed jagixxu bhala *brokers* ghall-assigurat Continental Cars Limited.

Skont ix-xhieda ta' Matthew von Brockdorff, m'huwiex minnu li waqt il-laqgha kien intlahaq xi ftehim bejn il-partijiet rigward pagament lil Continental Cars Limited, ghaliex huwa kien filfatt esprima r-riservi u l-biza' tieghu dwar ir-rapporti konfliggenti li nghataw minn Joseph Rizzo u minn Salv Mifsud Bonnici. Di piu', skont l-istess xhud il-konkluzjonijiet tar-rapport finali tal-*loss adjusters* tas-7 ta' Novembru 2000, ma ssemmewx f'dik il-laqgha. Il-Qorti rat illi din ix-xhieda giet

ikkonfermata u kkoroborata mix-xhieda ta' Jonathan Abela ta' SMS Insurance Agency Limited, li kienet *co-insurer* mas-socjeta' rikorrenti, li xehed li ma kien intlahaq l-ebda ftehim waqt din il-laqgha peress illi l-*claims* kienu ghad iridu jigu kkwantifikati sabiex eventwalment jipprova jintlahaq ftehim; u li fi kwalunwke kaz Von Brockdorff kien attenda tard ghall-laqgha in kwistjoni u ghalhekk ma kienx prezenti ghal dak li kien gie miftiehem.

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Perit Legali illi m'hemmx provi bizejjed li juru li kien hemm ftehim bejn il-partijiet ghal hlas tal-*claims* ta' Continental Cars, u dan peress illi l-Qorti tqis illi x-xhieda moghtija minn Von Brockdorff hija kredibbli u verosimili, u dan specjalment in vista tal-fatt li hija kkorroborata mix-xhieda ta' Abela li qatt ma kien hemm qbil li jsir il-pagament. Mhux hekk biss, izda jirrizulta illi fil-laqgha relattiva ma kien intlahaq l-ebda ftehim **peress li kienu ghad irid jigu kwantifikati l-*claims*.** Il-Qorti tqis illi galadabra s-socjeta rikorrenti ghazlet li tibbaza l-kawza taghha fuq allegat ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, li dan il-ftehim verament kien intlahaq. Mill-provi prodotti, ma jirrizultax illi s-socjeta rikorenti issodisfatt dan l-oneru.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi r-raba' eccezzjoni tas-socjeta ntimata ghandha tigi milqugha.

**Ikkonsidrat;**

Ghalkemm is-socjeta rikorrenti ibbazat l-azzjoni taghha fuq allegat ftehim konkluz bejn il-partijiet ghall-pagament tal-*claims* ta' Continental Cars, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha targumenta l-posizzjoni taghha fuq il-bazi tal-principju ta' ***follow the fortunes***. Il-Qorti sejra **ghal kull buon fini** tiddetermina wkoll dan l-argument imqajjem mis-socjeta rikorrenti u dan peress illi l-hames eccezzjoni tas-socjeta ntimata tidher li tkun tkopri l-argument mqanqal taht dan il-principju.

**Edelman u Burns** jispjegaw illi id-dottrina ta' ***follow the fortunes***, jew kif inhi ukoll maghrufa ***follow the settlements*** tfisser illi:

> ***"…reinsurers are obliged to indemnify the reinsured in the event that they settle a claim by their underlying insured provided that the claim as recognized by them falls within the risks covered by the policy of reinsurance as a matter of law, and provided also that in settling the claim, the reinsured has acted honestly and has taken all proper and businesslike steps in making the settlement"***[2]

**Hoffman** jghid ukoll illi skont il-principju ta' ***follow the fortunes:***

> ***"reinsurer*** **[is bound]** ***generally by the reinsured's disposition of claims unless: (1) the settlement was for a loss that did not fall within the scope of the reinsurance or of the original insurance as a matter of law; or (2) the reinsured settled the claim fraudulently, collusively or in bad faith; or (3) the reinsured failed to ascertain the loss by a proper investigation."***[3]

Il-**United States District Court for the District of Massachusetts** qalet fir-rigward ta' ri-assigurazzjoni u l-principju ta' ***follow the fortunes*** illi:

> "*…the relationship between reinsured and reinsurer under a reinsurance treaty is one of profound vulnerability. By entering into a proportional reinsurance treaty, a reinsurer essentially becomes the "silent partner" of the reinsured. Every risk that the reinsured chooses to cede under a treaty automatically imposes a risk on the reinsurer.* ***All discretion lies with the reinsured and the reinsurer must "follow the fortunes" of the reinsured by indemnifying it for all payments made to its insureds in good faith. The reinsurer relies on the "utmost good faith" of the reinsured and the reinsured is aware of this***."[4]

---

[2] C. Edelman QC u A. Burns, *The Law of Reinsurance* (Oxford, 2nd ed., 2013) 4.13.
[3] WC Hoffmann, 'Common Law of Reinsurance Loss Settlement Clauses: A Comparative Analysis of the Judicial Rule Enforcing the Reinsurer's Contractual Obligation to Indemnify the Reinsured for Settlements' [1994] LMCLQ 55.
[4] Compagnie, 944 F. Supp. 986, 996 (D. Mass. 1996).

Fis-sentenza fl-ismijiet **U.S. Fid. & Guar. Co. v. American Re-Ins. Co** il-Qorti tal-Appell ta' New York irrilevat illi:

> "**[i]*n our view, objective reasonableness should ordinarily determine the validity of an allocation. Reasonableness does not imply disregard of the cedent's own interests. Cedents are not the fiduciaries of reinsurers, and are not required to put the interests of reinsurers ahead of their own*.**"[5]

Rigward il-mottiv li wassal li riassigurat biex jiehu d-decizjoni li jhallas il-*claim* lil assigurat tieghu, fl-istess sentenza intqal illi tali mottiv:

> **"*…should generally be unimportant. When several reasonable allocations are possible, the law, as several courts have recognized, permits a cedent to choose the one most favorable to itself.*"**

F'din is-sentenza gie spjegat illi z-zewg fatturi determinanti ghad-decizjoni tal-Qorti f'kazijiet bhal dawn huma:

1. **il-*buona fede* tar-riassigurat; u**
2. **Ir-ragonevolezza tal-ghazla tar-riassigurat.**

L-element tar-ragonevolezza giet spjegat b'dan il-mod fl-istess sentenza:

> **"*The reinsured's allocation must be one that the parties to the settlement of the underlying insurance claims might reasonably have arrived at in arm's length negotiations if the reinsurance did not exist.*"**

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell ta' New York qablet ma' dak li intqal fis-sentenza li kienet qed tigi appellata, u cioe illi id-dottrina ta' *follow the fortune* ukoll

[5] U.S. Fid. & Guar. Co. v. American Re-Ins. Co., No. 1 (N.Y. App. Feb. 7, 2013).

ma tigix applikata mill-Qorti jekk jirrizulta illi l-ghazla tar-riassigurat kienet motivata primarjament mill-fatt illi kien hemm ir-riassigurazzjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta ntimata toggezzjoni ghall-applikazzjoni tad-dottrina ta' ***follow the fortunes*** f'dan il-kaz fuq zewg bazi:

1. Il-fatt illi ma hemmx ftehim bejn il-partijiet illi jipprovdi ghal din il-klawsola; u
2. Il-fatt illi l-pagament thallas mis-socjeta rikorrenti fuq bazi ta' *ex gratia*.

Fir-rigward tal-ewwel argument, il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza tal-Qrati Amerikani, minn fejn jirrizulta illi filfatt fis-sentenzi Amerikani ricenti, id-dottrina ta' ***follow the fortune*** qed tigi applikata **biss** meta bejn il-partijiet ikun hemm ftehim li jipprovdi ghal applikazzjoni ta' tali dottrina. Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Michigan Millers Mut. Ins. Co. v. North Am. Reinsurance Corp** deciza mill-Qorti tal-Appell ta' Michigan, intqal illi

> "***Although it is true that parties may agree to such terms in reinsurance as will bind the reinsurer to the settlement or adjustment of loss made between the parties to the original insurance, we will not impose liability on the reinsurer for a settlement contribution absent such an agreement.***"[6]

Illi pero, skont il-gurisprudenza tal-istess Qrati, m'hemmx bzonn illi din il-klawsola tkun espressament parti mill-ftehim, ghaliex il-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni li bejn il-partijiet tapplika din id-dottrina mid-dicitura tal-kuntratt shih. Barra minn hekk, hemm gurisprudenza wkoll li tistabilixxi illi hemm eccezzjoni ghar-rekwizit illi d-dottrina ta' ***follow the fortune*** trid tkun giet provduta fil-ftehim, meta quddiem il-

[6] Michigan Millers Mut. Ins. Co. v. North Am. Reinsurance Corp., 452 N.W.2d 841 (Mich. App. 1990). Vide wkoll Employer Reinsurance Corp. v. Laurier Indem. Co., No. 8:03cv1650; 2006 U.S. Dist. LEXIS 40451 (M.D. Fla. June 25, 2007); Am. Motorists Ins. Co. v. Am. Re-Insurance Co., 2007 U.S. Dist. LEXIS 41257 (N.D. Cal. May 29, 2007); North River Ins. Co. v. Employers Reinsurance Corp., 2002 U.S. Dist. LEXIS 11711 (S.D. Ohio June 3, 2002); North River Ins. Co. v. Employers Reinsurance Corp., 197 F. Supp. 2d 972 (S.D. Ohio 2002); Village of Thompsonville v. Fed. Ins. Co., 592 N.W.2d 760 (Mich. App. 1999).

Qorti jigu prodotti provi, ossia xhieda esperti, li juru li l-prattika vigenti hija li d-dottrina ta' ***follow the fortune*** tapplika.[7]

F'dan ir-rigward il-Qorti rat illi s-socjeta rikorrenti ressqet prova illi meta hija kienet riassiguratur kienet hallset dak dovut minnha a bazi tad-dottrina ta' ***follow the fortunes*** f'kazijiet konsimili ghal dan, f'kaz ukoll fejn kienet involuta s-socjeta tnimata. Il-Qorti tqis pero illi din m'hijiex prova sufficjenti rigward il-prattika, a bazi ta' liema l-Qorti tista' tapplika l-principju ta' ***follow the fortunes*** f'dan il-kaz, u dan peress illi ma tressqet l-ebda prova illi dan il-principju gie applikat mill-assigurazzjonijiet ghaliex hekk hu l-kostum, u mhux ghaliex kien hemm ftehim espress f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-Qorti tqis illi m'hemmx provi sufficjenti li juru li f'dan il-kaz huwa applikabbli il-principju ta' ***follow the fortunes***, u minn dan isegwi li l-argument tas-socjeta ntimata f'dan is-sens huwa fondat.

Fir-rigward tat-tieni parti tal-argument tas-socjeta ntimata, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Lexington Insurance Co. v. Prudential Reinsurance Company of America** deciza mill-Massachusetts Superior Court, fejn intqal illi d-dottrina ta' ***follow the fortunes*** ma tapplikax **meta l-pagament ikun sar mir-riassigurat fuq bazi ta'** ***ex gratia,*** **anke jekk ikun sar in** ***buona fede***.[8]

Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti stess kienet iddeskriviet il-pagament li ghamlet lill-assigurat taghha bhala wiehed maghmul fuq bazi ta' *ex gratia.* Ghalhekk, wara li ezaminat il-provi kollha , il-Qorti taghraf li m'ghandhiex dubbju li **l-pagament li sar mis-socjeta rikorrenti sar in** ***buona fede***, *pero,* galadarba **jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti** ***ex admissis u*** **bil-miktub wettqet** pagament *ex gratia*, anke fuq din il-bazi biss, ma' jistghax jinghad illi l-principju ta'

---

[7] Vide Employers Reinsurance Co. v Mass. Mut. Life Ins. Co., 654 F.3d 782 (8th Cir. 2011); Trenwick Am. Re. Corp., et al. v. IRC Inc., et al., 764 F. Supp. 2d 274 (D. Mass. 2011); Aetna Cas. & Sur. Co. v. Home Ins. Co., 882 F. Supp. 1328 (S.D.N.Y. 1995); Int'l Surplus Lines Ins. Co. v. Certain Underwriters & Underwriting Syndicates at Lloyd's of London, 868 F. Supp. 917 (S.D. Ohio 1994); ReliaStar Life Ins. Co. v. IOA Re, Inc., 303 F.3d 874 (8th Cir. 2002).

[8] Sentenza f'diskussa fl-artikolu *Follow the Fortunes: But not for ex gratia payments*, http://corporate.findlaw.com/corporate-governance/follow-the-fortunes-but-not-for-ex-gratia-payments.html. Vide wkoll Suter v. Gen. Accident Ins. Co. of Am., 2006 U.S. Dist. LEXIS 48209 (D.N.J. 2006); Am. Ins. Co. v. North Am. Co. for Prop. & Cas. Inc., 697 F.2d 79 (2d Cir. 1982; Ins. Co. of North Am. v. United States Fire Ins. Co., 322 N.Y.S.2d 520 (Sup. Ct. 1971), aff'd, 42 A.D.2d 1056, 348 N.Y.S.2d 122 (1st Dep't 1973).

***follow the fortunes*** huma applikabbli f'dan ir-rigward, peress illi dan il-principju huwa insostenibbli meta pagament maghmul mir-riassigurat jkun *ex gratia*.

In vista ta' dak gja determinat, il-Qorti tqis illi ma jkunx utli li tiddetermina t-tielet eccezzjoni tas-socjeta ntimata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta ntimata, tilqa' r-raba' u l-hames eccezzjonijiet u tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) a karigu tas-socjeta ntimata u disghin fil-mija (90%) a karigu tas-socjeta rikorrenti.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**